REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/420

tas-16 ta' Marzu 2020

li jikkoreġi l-verżjoni lingwistika Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2016/919 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(11) tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjoni lingwistika Ġermaniża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 ([2]) fiha żball fil-paragrafu 2 tat-Taqsima 7.4.2.3 tal-Anness fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' fażi ta' tranżizzjoni.

(2) Għalhekk, il-verżjoni lingwistika Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2016/919 jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Minħabba l-iżball fil-paragrafu 2 tat-Taqsima 7.4.2.3 tal-Anness, l-operaturi ekonomiċi jgħaddu minn rekwiżiti restrittivi mhux meħtieġa dwar it-tqegħid fis-suq ta' vetturi ferrovjarji. Mis-16 ta' Ġunju 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li jkun possibbli, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, li jinħarġu awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi f'konformità mas-sett ta' speċifikazzjonijiet #1 imsemmija fit-Tabella A 2 tal-Anness A tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919. Il-kundizzjonijiet li jenħtieġ li jiġu ssodisfati jridu jipprevedu li l-vetturi jiġu awtorizzati f'konformità mat-tip ta' vettura li tkun ġiet awtorizzata qabel il-1 ta' Jannar 2019 f'konformità mas-sett ta' speċifikazzjonijiet #1 imsemmija fit-Tabella A 2 tal-Anness A tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919. Għalhekk, il-verżjoni lingwistika Ġermaniża jenħtieġ li tiġi kkoreġuta retroattivament.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

([1]) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mis-16 ta' Ġunju 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN